MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-30 ta' April, 2004

Talba Numru. 2983/2002

**Maria Grazia Cucciardi**

**vs**

**Karl Debono**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attrici fit-12 ta' Dicembru, 2002, u fejn intalab illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' elf u hames mitt lira (Lm1500) rapprezentanti danni minnu kkagunati lill-attrici fl-incident awtomobilistiku li sehh fit-28 ta' Gunju, 2002 fis-2:30p.m. fi Vjal Sta. Lucija k/m Vjal Sir Paul Boffa, Paola meta l-konvenut kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAB 405, u l-attrici l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAS 156, liema ncident sehh unikament minhabba**

**traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut.**
**Bl-ispejjez u bl-imghax u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenutipprezentata fid-9 ta’ Jannar, 2003 fejn intqal:**

**1. Illi t-talbiet ta’ l-attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-eccipjenti mhux responsabbli ghall-incident;**
**2. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa wkoll kontestat;**
**3. Salv eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta’ Maria Grazia Cucciardi, Karl Borg, Emanuel Scicluna, Bastjana Aquilina, Karl Debono, Anthony Cutajar u Ivan Carabott.**

**Ra l-verbal tas-27 ta’ Mejju, 2003 li fih l-attrici ddikjarat li ghal fini ta’ kompetenza t-talba taghha hija limitata ghal elf u hames mitt lira (Lm1,500).**

**Ra d-digriet tal-21 ta’ Ottubru, 2003 fejn gie degretat li l-provi migbura fil-kawza fl-ismijiet inversi avviz numru 315/03JR ghandhom japplikaw ghal dan il-kaz.**

**Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda ncident li sehh fit-28 ta’ Gunju, 2002 ghal habta ta’ 2:30p.m fi Vjal Santa Lucija kantuniera ma’ Vjal Sir Paul Boffa. Involuti fil-kollizzjoni kienu l-vetturi CAS 156 ta’ l-attrici u l-vettura JAB 405 misjuqa mill-konvenut.**
**2. Skond l-attrici hi kienet qed issuq il-vettura CAS 156 fi Vjal Santa Lucija sejra lejn l-arjuport, fil-karreggjata tax-xellug. Kienet waslet ghat-traffic lights u dawn kienu hodor. Il-konvenut kien gej mid-**

**direzzjoni ta' Rahal il-Gdid u kellu karozza ohra quddiemu. Skond l-attrici l-karozzi l-ohra waqfu, pero' hu baqa' ghaddej u baqa' diehel fiha peress illi hi ma waqfitx peress illi d-dwal kienu hodor. L-attrici tghid ukoll illi l-vettura li kien hemm fil-karreggjata ta' hdejha harget maghha jekk mhux ftit qabilha. L-attrici tikkonferma li l-karozzi li kienu gejjin mid-direzzjoni minn fejn kien gej il-konvenut kollha waqfu u li kien hu biss li baqa' hiereg.**

**3. L-attrici kellha l-hsara fil-genb kollu tan-naha tal-passiggier. Hi tghid li biex ma tolqotx lill-iehor li kien hareg bi dritt maghha kisret ghal gol-hadid. Skond l-attrici l-ewwel darba li ratu kien wara d-daqqa. Hi tghid ukoll li bhala velocita' kienet ghaddejja b'xi 20 jew 25 pero' ma kienetx taf tghid jekk hux mili jew kilometri fis-siegha.**

**4. Karl Borg, li dakinhar ta' l-incident kien qed isuq magenb il-konvenut xehed: «it-traffic lights kienu homor. Jiena waqaft, il-KIA ma waqfitx, tant illi dort fuq it-tfajla tieghi u ghidtilha dan mhux jara.» Ghalkemm Borg dar ikellem lit-tfajla u ghalhekk ma rax l-incident isehh jikkonferma li ezatt wara kien sar l-incident. L-istess xhud ighid li fil-fatt hu kien magemb il-KIA ghalkemm il-konvenut kien aktar avanzat minnu. Ix-xhud kien kategoriku dwar li l-konvenut hareg meta d-dawl kien ahdar.**

**5. Emanuel Scicluna li kien qed isuq wara l-vettura ta' l-attrici jikkonferma li huma saqu meta d-dawl kien ahdar u jghid hekk «f'daqqa wahda rajt KIA bajda hierga sparata u li laqtet il-Mazda u li l-Mazda baqghet diehla gol-barriers tal-hadid.»**

**6. Bastjana Aquilina passiggiera fil-karozza ta' l-attrici fuq quddiem tikkonferma li l-konvenut biss kien hareg minn fuq it-traffic lights filwaqt li l-karozzi l-ohra baqghu weqfin.**

**7. Il-konvenut Karl Debono li kien qed isuq il-vettura KIA JAB 405 ighid li waqaf peress illi d-dwal tat-traffic lights kienu homor u li kienet l-attrici illi baqghet ghaddejja meta qalbu d-dwal. Hu jichad li ghadda fuq l-ahmar. Skond il-konvenut hu habat maghha fuq il-bumper tieghu ta' quddiem u hi habtet mas-centre strip u qalghet grada tal-hadid. Skond il-**

**konvenut l-attrici kienet ghaddejja b'xi 40k.f.s. filwaqt li hu kien qed jaqla'. L-istess konvenut ighid illi tlieta mix-xhieda li ghalihom gia saret referenza ma kienux fuq il-post.**

**8. Anthony Cutajar kollega fuq ix-xoghol tal-konvenut, li dakinhar kien qed isuq wara l-konvenut ighid li d-dwal qalbu ghall-ahdar u l-konvenut mexa.**

**9. Mix-xhieda mismugha t-Tribunal jinnota illi xhieda ndipendenti li gabet l-attrici kollha kkonfermaw illi l-konvenut hareg meta d-dawl kien ahmar. It-Tribunal qed jaghti hafna mportanza ghal dak li xehed Karl Borg u ghal dak li xehed Emanuel Scicluna. Dawna kienu cari ferm fuq il-fatt li filwaqt li l-karozza l-ohra kienu weqfin, il-konvenut saq ghalkemm kien hemm id-dawl ahmar. L-istess Scicluna li kien wara l-vettura ta' l-attrici xehed li hu u l-attrici setghu jibqghu mexjin peress li d-dawl kien ahdar. Fic-cirkostanzi ma hemmx dubbju illi ghall-incident ghandu jigi ritenut unikament responsabbli l-konvenut li naqas milli jieqaf fuq traffic lights meta dawn kienu fuq l-ahmar, u bil-manuvra tieghu billi baqa' ghaddej ikkawza l-kollizzjoni ma' l-attrici.**

**10. Dwar id-danni l-attrici qed tirreklama elf u hames mitt lira (Lm1,500). Fil-fatt l-attrici rriduciet it-talba taghha ghal fini ta' kompetenza. Jigi rilevat illi s-surveyor kien ghamel stima ta' disa' mitt lira (Lm900) fuq il-vettura taghha. L-attrici esebiet id-Dok MGC li huwa ftehim datat Mejju 2002 maghmul ma' Regina Auto Dealer Limited li kien qed jaccetta li jixtri l-vettura taghha ghal elf u hames mitt lira (Lm1,5000) pero' t-Tribunal ihoss li ma kien hemm l-ebda konferma dwar dan id-dokument u qed iqis aktar kredibbli l-istima tas-surveyor fl-ammont ta' disa' mitt lira (Lm900). L-attrici kellha wkoll spiza ghal kiri tal-karozza mit-28 ta' Lulju, 2002 sat-28 ta' Awissu, 2002 u mis-6 ta' Settembru, 2003 sa 29 ta' Settembru, 2003. L-ammont ghal kiri tal-karozza kien ta' tlett mija erbgha u ghoxrin lira (Lm324).**

**11. Ghalhekk it-total ta' danni subiti mill-attrici jammonta ghal elf mitejn u erbgha u ghoxrin lira (Lm1,224).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikkjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh u jikkundannah ihallas lill-attrici s-somma ta' elf mitejn u erbgha u ghoxrin lira (Lm1,224), bl-imghaxijiet li jibdew jiddekorru mill- lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------